MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2004

Avviz Numru. 615/2003

**Doneo Co Ltd.**

**vs**

**Malta Yacht Manufacturing Ltd.**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fis-16 ta' Dicembru, 2003, fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallasha s-somma ta' elfejn, mitejn u ghaxar liri Maltin u tlettax-il centezmu (Lm2,210.13) rapprezentanti prodott ta' 'audio equipment' u servizzi ta' nsatllazzjoni prestati lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici, hekk kif jidher mill-annessi invoices, invoice numru 4207 tas-16 ta' Gunju, 2003, (immarkat Dok A) u invoice numru 4236 tas-26 ta' Gunju, 2003, (immarkat Dok B).

Bl-imghax kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mid-data ta' kull invoice, u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra

bonarja tat-18 ta’ Novembru, 2003, kontra s-socjeta’ konvenuta.

Rat illi s-socjeta’ konvenuta ma pprezentatx l-eccezzjonijiet taghha nonostante l-verbal tas-seduta ta’ l-4 ta’ Frar, 2004;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Fil-kontumacja tas-socjeta’ konvenuta u billi s-socjeta’ attrici ghandha ragun fit-talba taghha;

Tilqa’ l-istess u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta li thallasha is-somma ta’ elfejn, mitejn u ghaxar liri Maltin u tlettax-il centezmu (Lm2,210.13) rapprezentanti prodott ta’ ‘audio equipment’ u servizzi ta’ nsatllazzjoni prestati lis-socjeta’ konvenutamis-socjeta’ attrici, hekk kif jidher mill-annessi invoices, invoice numru 4207 tas-16 ta’ Gunju, 2003, (immarkat Dok A) u invoice numru 4236 tas-26 ta’ Gunju, 2003, (immarkat Dok B).

Bl-ispejjez u nteressi legali mid-data tan-notifika ta’ l-Avviz kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------